# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2000**

**Avviz numru 50/99MM**

**Joseph Spiteri**

**-vs-**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz fejn l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) lill-attur li jirrapprezentaw xoghol li ghamel konness mal-haddiema tar-rig taz-zejt, liema xoghol kien jikkonsisti fi driver ghall-haddiema, kitchen helper u cleaner.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Vella fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari, il-konvenut jirrileva illi huwa ma hux il-legittimo contradittorio fil-kawza odjerna stante illi huwa qatt ma impjega lill-attur, izda l-attur kien impjegat mas-socjeta' J.A.R. Company Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut jirrileva illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi kif jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, l-attur kien jithallas regolarment mis-socjeta' J.A.R. Company Limited.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur kien ukoll imur jixtri xi affarijiet bhal per ezempju fuel ghal-karozzi

personali tieghu, u kien ipoggi l-kont dovut fuq il-kreditu tal-kumpanija J.A.R. Company Limted;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha gie ridott l-ammont tat-talba tieghu ghal dak ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha ammetta t-talba ta' l-attur kif ridotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talba;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti xoghol li ghamel konness mal-haddiema tar-rig taz-zejt, liema xoghol kien jikkonsisti fi driver ghall-haddiema, kitchen helper u cleaner.

Tikkoncedi lill-konvenut perjodu ta' tliet xhur mil-lum biex ihallas is-somma hawn fuq imsemmija lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.